**20. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Michael Frendo ppropona:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lill-Bay Point Hotel Limited, biċċa art f'San Ġorġ limiti ta' San Ġiljan, deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'San Ġorġ deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b'ċens lill-Bay Point Hotel Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

18.05.1992